Minuti tas-79 (disgħa u sebgħin) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2013 fis-Sala tal-Komunità. Bdiet fil-6.00p.m.

Prezenti għall-laqgħa:

Sindku: Is-Sur Saviour Borg

Kunsilliera: Is-Sur Anthony Borg
Is-Sur Victor Cefai
Is-Sur Horace Micallef

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv: is-Sur Louis Stefan Magrin

Is-Sur Lorry Apap talab li jkun skużat minħabba raġunijiet personali.

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg. Bdiet b'talba mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti tal-laqgħat numru 75, 76 u 77 li saru nhar il-Ġimgħa 28 ta' Diċembru 2012, l-Erbgħa 30 ta' Jannar 2013 u l-Erbgħa 20 ta' Frar 2013 rispettivament kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u approvati unanimament. Is-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. Korrispondenza

### 3.1 Memos

3.1.1 Ma kienx hemm Memos

### 3.2 Korrispondenza

3.2.1 Il-Kunsill ġie mistieden biex jattendi għall-Konferenza bit-tema *Second Generation of Immigrants* li saret aktar kmieni dan ix-xahar fil-Lukanda ta' Ċenċ fis-Sannat Għawdex.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.2 Ser tiġi organizzata attività ġbir ta' fondi għal-Puttinu Cares nhar id-29 ta' Marzu 2013. Din ser tikkonsisti f'mixja mis-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa sal-Knisja Parrokkjali tal-Vitorja l-Isla. Din ser tibda fis-2.00 a.m.

Is-Sindku semma li f'Jum il-Fontana tal-2011 kienu inġabru flus mill-Kunsill biex jingħataw lill-*Community Cest Fund* u issuġġerixxa biex dawn jingħataw lill-Puttinu Cares. Il-Kunsill qabel.

3.2.3 E-mail mingħand is-Sur Joe Gerada fejn qed jgħid li ser jorganizza esebizzjoni għal dan iż-żmien tal-Ġimgħa l-Kbira u li wieħed jista jinkludiha fil-kalendarju ta' żjarat.

3.2.4 Il-Ministeru għal-Għawdex bagħat żewġ kotba lill-Kunsill bl-isem ta' "Iż-Żifna ta' Żmienhom" u "Servizzi u Benefiċji".

3.2.5 Ittra mingħand l-Awtorità għall-Kompetizzjoni u l-Konsumatur rigward spezzjonijiet li ser isibu bejn Marzu u Diċembru ta' din is-sena fuq il-*playingfields* bħala parti mill-ftehim li hemm bejn l-istess Awtorità u d-Dipartiment għal-Gvern Lokali.

3.2.6 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tikkonċerna l-avviżi li ħarġet il-Kummisjoni Elettorali dwar l-Elezzjonijiet ta' Marzu u li ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

3.2.7 E-mail mill-*Culture Contact Point* rigward stedina għal seminar li ser isir il-Belt Valletta bit-tema *Matching Projects with Funds*.

3.2.8 L-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħatet kopja iffirmata tal-ftehim kollettiv għall-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali li ġie iffirmat bejn l-istess Assoċċazzjoni u l-UĦM.

3.2.9 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq attività li saret nhar l-24 ta' Marzu 2013 bit-tema *Walk the Pink Road Together*. Din kienet tikkonsisti f'mixja li bdiet mill-Furjana u Spiċċat ix-Xatt ta' tas-Sliema.

3.2.10 E-mail mill-Assoċċazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed tiflaħ lill-Prim Ministru l-ġdid Joseph Muscat u l-Partit Laburista għas-suċċess miksub fl-Elezzjoni Ġenerali li saret nhar id-9 ta' Marzu 2013. Hi qalet li r-riżultat miksub kien wieħed ċar u l-poplu tkellem bil-vot tiegħu. L-Assoċċazzjoni qegħda twiegħed li bħalma sar fil-passat ser ikunu qed jagħtu l-appoġġ sħiħ lill-Gvern biex il-ħidma tal-Kunsilli tkompli tissaħħaħ fl-aħjar interess tal-poplu Malti u Għawdxi kollhu.

3.2.11 E-mail mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward qtugħ tal-provvistà tal-ilma li kien hemm nhar it-Tnejn 18 ta' Marzu 2013.

3.2.12 L-Aġenzija Żgħażagħ bagħtet ir-rapport ta' ħidma għas-sena 2012.

3.2.13 E-mail mingħand il-*Gozo Action Group* rigward li ser jiftħu tal-Programm ta' finanzjament *Action 413.6 – Festivals and Events* li jaqgħa taħt ir-*Rural Development Programme for Malta (2007-2013).* Dawn l-applikazzjonijiet fetħu fit-18 ta' Marzu 2013 u ser jgħalqu fis-26 ta' April 2013.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

3.2.14 E-mail mingħand il-*Gozo Action Group* rigward li ser jiftħu tal-Programm ta' finanzjament *Action 413.2 – Folk and Traditional Activities Support* li jaqgħa taħt ir-*Rural Development Programme for Malta (2007-2013).* Dawn l-applikazzjonijiet fetħu fil-11 ta' Marzu 2013 u ser jgħalqu fit-22 ta' April 2013.

3.2.15 Il-Kunsill irċieva r-rapport ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropeja għas-sena 2013.

3.2.16 Il-Kunsill ġie infurmat li ċ-Ċerimonja tal-ħatra tal-Kunsill il-ġdid ser issir fis-27 ta' Marzu 2013 fit-3.15 p.m.

3.2.17 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward konferenza li ser tagħmel il-*Malta Library and Information Association* nhar il-Ġimgħa 10 ta' Mejju 2013. Ir-reġistrazzjoni trid issir sal-31 ta' Marzu 2013.

3.2.18 Il-Kunsill irċieva l-Minuti tal-Appell tal-Offerta tal-Madum bil-ġebla tal-qawwi, tas-seduta li saret nhar is-26 ta' Frar 2013.

3.2.19 E-mail mingħand is-Sur Philip Vella il-persuna li ser tkun il-kordinatur bejn il-Kunsilli f'Għawdex u l-Ministeru għal-Għawdex. Huwa jixtieq jagħmel appuntament mas-Sindku biex tiġi diskussa l-opportunità ta' aktar koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat.

3.2.20 Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat il-lista tal-Kummissarji tal-Ġustizzja minfejn wieħed jista jagħżel għal ġurament ta' Sindku u Viċi-Sindku u f'każ li xi kunsillier kien assenti Kastija.

### 3.3 Ilmenti

3.3.1 Ilment li sar lill-Ministeru għal-Għawdex min-nies li joqgħodu fi sqaq il-Lunzjata u li għal dan il-Kunsill ġie mistoqsi mil-istess Ministeru fuq allegazzjonijiet li qed isiru biex ikunu jistgħu jiġu stabiliti l-fatti.
Jirriżulta li dawn ir-residenti ilmentaw li l-Kunsill mhux qed jiknes dan l-isqaq kif ukoll ta' struzzjonijiet biex il-bozzoz ta' l-istess sqaq ma jiġux mibdula mill-kuntrattur tal-Kunsill.
Għal dan is-Sindku qal li fuq sentenza tal-Qorti dan l-isqaq ġie dikkjarat privat. Fis-snin li għaddew kien hemm ukoll korrispondenza bejn id-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Kunsill. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jkollu ordni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jsir dan ix-xogħol ma għandu jkun hemm l-ebda problema. Il-Kunsill qabel.

## 4. Għoti tal-Offerti

4.1 Offerta FONQ 05/2012: *Non-Slip texture Hardstone Floor Tiles for external use for the publicly accessible roof of the Fontana Local Council Offices.* Saret is-seduta tal-Bord tal-Appell illum 26 ta' Marzu 2013 fejn għal darb'oħra kellu jixhed is-Sindku. Ġara iżda li l-appellant ma kienx


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

ippreparat x'ser jistaqsi u s-seduta ġiet fi tmiema. Attendew is-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u Dr Samuel Azzopardi li huwa l-Avukat tal-Kunsill. Il-Bord ta żmien lill-appellant għat-trattazzjoni sas-7 ta' Mejju 2013 u t-tweġiba tal-Kunsill sas-6 ta' Ġunju 2013 ħalli imbagħad tingħata s-sentenza.

4.3 Kwotazzjoni 05/2012: *Provvista u konsenja ta' erba' (4) fanali dekorattiviti għal Triq il-Għajn, Trejqet Grezzja Grima u Triq Għar Gerduf, il-Fontana.*

Il-Kunsill qabel li għalkemm ma kien hemm l-ebda risposta fuq kunsiderazzjoni ta' tnaqqis fil-prezz għal-4 fanali li l-Kunsill għandu bżonn jixtri, la dawn huma bżonjużi u la l-prezz globali tagħhom mhux ser jaqbeż dak massimu hekk kif inhu stabilit mill-liġi għal-kwotazzjonijiet, ser jinxtraw u hekk jitwaħħlu fil-postijiet maħsuba.

4.2 Kwotazzjoni 01/2013: *Supply and Installation of outdoor fitness/exercise equipment in the open area on the roof of the Fontana Local Council Offices.*

L-Aġent Segretary informa lill-Membri tal-Kunsill li kienu inxteħtu 2 Kwotazzjonijiet: JGC Ltd (€2,985.00) u Forestals Commercial Sales Ltd li xeħtu 2 offerti f'dokument wieħed li huma ta' (€3,022.00) u (€3,743.00) rispettivament.

Il-Kunsill qabel biex dawn il-kwotazzjonijiet jiġu evalwati mill-Perit Gordon Vella u imbagħad il-Kunsill jiddeċiedi fuq ir-rapport li jitressaq quddiemu mill-Perit.

## 5. <u>Mistoqsijiet</u>

5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 6. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

6.1 Ċedola ta' pagamenti annessa. Il-Membri lkoll qablu li jsiru l-pagamenti murija fiċ-Ċedola annessa.

## 7. <u>Mozzjonijiet</u>

7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

## 8. Materji Oħra

8.1 Inbagħatet l-invoice lill-Green MT 22 ta' Ottubru 2012 sat-30 ta' Diċembru 2012 fejn kien hemm żball ta' ġimgħa, jiġifieri l-ammont dovut lill-Kunsill kellu jkun ta' €270 minflok ta' €300. Għalhekk il-Kunsill ġie mitlub li jerħa jilbagħat l-invoice bl-ammont korret.

8.2 Il-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali ħareġ linji gwida rigward żbir u bexx tas-siġar tal-palm minħabba l-bumunqar l-aħmar. Huwa importanti li dawn il-linji gwida jiġu osservati għax inkella l-Kunsill jista jeħel il-Multi. Is-Sindku qal li hemm bżonn tintalab l-għajnuna tad-Dipartiment tal-Pjanti x'bexx irid jintuża ħalli l-Kunsill ikun konformi mal-liġi.

8.3 Wara li tlesta x-xogħol fuq il-proġett tal-pavimentar ta' Wied Siekel bil-ġebla tal-qawwi, l-Perit inkarigat mix-xogħolijiet lesta r-rapport biex il-Kunsill japplika għal-*compliance certificate*. Għalhekk sar il-ħlas ta' €60 lill-MEPA biex toħroġ iċ-Ċertificat.

8.4 Sar ukoll il-kejl tax-xogħol ta' l-proġett ta' Triq Wied Siekel. Dan sar mill-Perit John Saliba fil-preżenza tas-Sindku u rappreżentant tal-kuntrattur.

8.5 Intalab parir legali mingħand Dr Samuel Azzopardi li huwa l-avukat tal-Kunsill rigward il-kwistjoni tat-tabella tal-qtates li tgħid biex in-nies ma jitimgħuhom f'dak il-post u jekk din hix konformi mal-liġi peress li kien qed ikun hemm ħafna ħmieġ li kien qed iġib il-ġrieden. Huwa qal li "l-Kunsill jista jissuġġerixxi dan fuq tabelli u ma hemm xejn ta' natura legali rigward dan. Il-Kunsill pero ma jistax jinforza dan".

8.6 Il-Kunsill ġie infurmat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li ikkwalifika għall-fondi taħt l-skema dwar inizzjattivi kulturali li kienet ħarġet taħt Memo 38/2012. L-ammont huwa ta' €5,000 li kienu ser jintużaw biex jittella l-festival tan-nar ta' din is-sena organizzat mill-Kunsill li jsir lejlet il-Festa tar-raħal. Il-Kunsill informa lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li l-festival tan-nar din is-sena mhux ser isir bħala turija ta' rispett lejn il-vitmi tal-kamra tan-nar li taret fl-4 ta' Novembru 2012 u għal-din ir-raġuni l-fondi mhux ser jintużaw.

8.7 Il-Kunsill ikkwalifika għal-€500 taħt l-iskema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet għal-2013 li ħarġet taħt Memo 49/2012.

8.8 Il-Kunsill ma ikkwalifikax għal-iskema ta' finanzjament ta' inizzjattivi speċjali għas-sena 2013 li ħarġet taħt Memo 45/2012.

8.9 Is-Sur Guido Zammit f'isem l-ETC qed jinforma lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni tas-Sur Antoine Mercieca fl-iskema mal-Kunsill Lokali tal-Fontana ġiet imġedda għal sitt xhur oħra b'effett mit-18 ta' Marzu 2013.

8.10 Il-Green MT reġgħu bagħtu l-ftehim dwar il-ġbir tal-iskart separat biex dan jiġi evalwat u iffirmat jekk dan dejjem jaqbel miegħu l-Kunsill.


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Għal dan is-Sindku qal li l-aħjar hu li jiġi evalwat mill-Kunsill il-ġdid bħalma kien diġa ġie deċiż f'laqgħat preċedenti. Il-Kunsill qabel.

8.11 Is-Sur Ivo Galea mill-Enemalta informa l-Kunsill li l-lista ta' taħt min jaqgħu t-toroq arterjali bħala responsabiltà ġiet emendata kif kien mitlub min dan il-Kunsill jiġifieri li Triq il-Għajn ma taqgħax taħt ir-responsabiltà tal-Enemalta iżda dik tal-Kunsill.

8.12 Il-Kunsill informa lill-Ministeru għal-Għawdex permezz ta' e-mail li l-permess tax-xogħolijiet li qed isiru fuq Triq il-Għajn għalaq.

8.13 Il-Kunsill informa lis-Sur Angelo Buttiġieġ mill-Enemalta b'mappa aġġornata ta' fejn żdiedu l-bozoz fit-toroq.

8.14 Il-Kunsill bagħat l-applikazzjoni lill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi tal-*Feed in Tariff* peress li s'issa kienu għadhom mhux reġistrati u l-Kunsill s-issa kien għadu mhux qed jibbenefika minn din il-ġenerazzjoni ta' dawl.

8.15 Il-Kunsilliera is-Sur Victor Cefai u s-Sur Horace Micallef ippreżentaw l-*mobile*. Is-Sur Victor Cefai ser iżommu peress li huwa kien elett fil-Kunsill il-ġdid u għax għadu jaħdem ukoll.

8.16 Ingħatat l-approvazzjoni mill-Enemalta biex titwaħħal il-bozza li għaliha saret it-talba fi Triq John Gaspard Le Merchant.

8.17 Iż-żurżieqa reġgħet twaħlet u qegħda tinżebaħ mill-ħaddiem tad-Dipartiment assenjat mal-Kunsill. Wara li saru l-modifikazzjonijiet meħtieġa jiġifieri sandblasting u bdil ta' partijiet minnha.

8.18 Is-Sindku nforma l-Kunsill li nbagħtet l-invoice ta' €300 lill-Kummissjoni Elettorali għal-perjodu ta' użu fi żmien l-Elezzjoni.

8.19 Tlestiet in-niċċa ta' San Ġużepp fi Triq l-Isptar San Ġiljan.

8.20 Tqassam il-fuljett ta' ħidma tal-Kunsill ta' din il-leġiżlatura li waslet fi tmiema. Dan il-fuljett ġie wkoll imtella fuq il-*website* tal-Kunsill. Dan ġie ippreparat mis-Sindku flimkien mal-*Part-time Clerk*.

8.21 Is-Sindku irritorna l-Medalja tal-Kunsill u l-*lapel* lura hekk kif titlob il-proċedura.

8.22 Is-Sindku qal li hemm bżonn jinxtraw u jitħawlu x-xtieli għal-ħdejn il-*Bring in Site* fi Triq ta' Mulejja.

8.23 Irid jiġġedded ukoll il-permess tal-MEPA għat-tkomplija tal-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

8.24 Sar it-tqassim ta' pakkett boroż *totally degradable* lil kull residenza tal-Fontana biex tkompli tikber is-separazzjoni tal-iskart.

8.25 Ġew mixgħula l-fanali ġodda tat-taraġ li mil-Belveder ta'Mulejja jwasslu sa Trejqet Wara l-Idjar.

8.26 Tkompla x-xogħol tal-*Patching with Hot Asphalt* fi Triq Wied Siekel, Triq San Martin, Triq is-Sajjieda kif ukoll Triq il-Qalb ta' Ġesu.

8.27 Wara li ġew megħduda l-voti tal-Elezzjoni għal-Kunsilli Lokali tad-9 ta' Marzu 2013 ġew eletti l-ħames Kunsilliera li ser iservu fil-Leġislatura li ġejja. Dawn ġew eletti f'din l-ordni: is-Sur Horace Micallef bħala Kunsillier, is-Sur Saviour Borg bħala Sindku, is-Sur


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Victor Cefai bħala Viċi-Sindku, is-Sur Carmel Farrugia u s-sur Mario Mercieca bħala Kunsilliera.

8.28 Is-Sindku, l-kunsilliera s-Sur Victor Cefai is-Sur Horace Micallef kif ukoll is-Sur Carmel Farrugia li ser iservi bħala Kunsillier fil-Leġislatura li jmiss attendew għal pussess tal-ħatra tal-kappillan Fr John Muscat li sar waqt konċelebrazzjoni fil-Knisja Parrokjali tal-Fontana mmexxija minn Mons Isqof Mario Grech.

8.29 Sar ukoll ir-restawr tal-lapidi tal-Belveder ta' Triq ta' Mulejja u tat-toroq John Gaspard Le Merchant u Kardinal Alessandru Franchi.

8.30 Saret ukoll D.N.O lill-MEPA dwar it-tqegħid mill-ġdid tal-Monument tas-Sajjieda fl-ispazzju miftuħ tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku.

8.31 Is-Sindku reġa fakkar u l-Kunsill approva ukoll li ssir is-sistema tal-floodlights wara r-replika tal-Għajn tal-loġoġ.

8.32 Il-Kunsillier is-Sur Horace Micallef ippropona li jinkines quddiem il-knisja għal-festa tal-Għid. Ma dan is-Sindku qal li dan jista jitwettaq u għalhekk ser tinkines mill-ħaddiema tal-Kunsill.

8.33 Is-Sindku irringrazzja lill-Membri tal-Kunsill għal-ħidma imwetqa tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45p.m. u sar qbil li issir laqgħa ta' urġenza nhar id-29 ta' Marzu 2013, fil-1.00p.m.

| | |
|---|---|
| Louis Stefan Magrin | Saviour Borg |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Sindku |


Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555